**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 26 ta' Gunju 2017**

**Pulizija**

**Spettur Melvyn Camilleri**

**Vs**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra **Omissis** ta' 16-il sena, iben Joseph u Sandra nee Debattista, mwieled tal-Pieta' nhar it-12 ta' Dicembru 1996 u residenti 87, Triq San Gorg, Sta. Venera w detentur ta' Karta tal-identita' Maltija 528996M;

Talli f'Ottubru 2011 u fix-xhur ta' qabel, f' Malta, b'diversi atti maghmulin minnu, wkoll jekk fi zmienijiet differenti, jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

1) B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi jaghmel uzu t'ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza t'intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor; jew ta' krediti immaginarji, jew

sabiex iqnqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qligh bi hsara ta' haddiehor;

2) Bi hsara kontra Mary Louise Micallef u l-familja taghha ghamel qliegh b'qerq li jammonta ghal aktar minn €2329.37;

3) Bil-hsieb li jestorci flus jew hag'ohra jew li jaghmel xi qliegh, jew bil-hsieb li jgieghel lil persuna ohra jesegwixxi, jiddistruggi, jqalleb jew ibiddiel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu, garanzija jew jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga, hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew jaghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra u aktar talli b'dan it-theddid wasal fil-hsieb tieghu;

4) Uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u aktar talli b'din il-vjolenza wasal fil-hsieb tieghu;

5) Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil persuna ohra;

6) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha;

7) Ghamel ingurji u theddid;

8) Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu (412(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-Qorti ma tistax tidhol fil-mertu ta' din il-kawza peress illi l-imputat, fiz-zmien li allegatament sehh l-akkadut mertu tal-kawza, mhux biss kien minorenni, izda sahansitra kien taht l-eta' ta' erbatax-il sena. Ghalhekk il-ligi tezentah minn responsabbilta' kriminali. Tenut kont ta' dan il-fatt, li huwa maqbul bejn il-partijiet ukoll, il-Qorti l-anqas tista' tiehu konjizzjoni tal-fatti kollha u tal-provi kollha li gew prodotti quddiemha, izda sejra tghaddi biex tillibera lill-imputat minn kull htija w piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 250, 251, 251A, 251B, 308, 309, 310(1)(a), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u ghalhekk qieghda tilliberah minnhom.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**